MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Appell Civili Numru. 9/2011

**Decizjoni Numru: 6/2010**

**A**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Illi fis-17 ta' Frar 2011 il-Bord tal-Appelli Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*"Il-Bord,*

*Fil-11 ta' Jannar 2010, l-appellant* A**,** *li jmexxi bar/restaurant f'Armier, issottometta l-formola A tal-appell*

*kontra stejjem mahruga mid-Dipartiment tal-VAT fuq il-perjodu 01.03.05 - 31.08.08 ghall-ammont ta' €31,378 minghajr penali amministrattiva u mghax.*

*Saru zewg seduti qabel il-Bord seta' jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu.*

*Ghall-ewwel seduta, fl-4 ta' Novembru 2010 deher l-appellant innifsu s-Sur A, assistit mis-Sur Paul Bezzina, Konsulent. Ghad-Dipartiment tal-VAT deher is-Sur Anthony Cutajar, Principal. Kien prezenti wkoll is-Sur Roderick Zammit Randich, Assistent Principal.*

*Id-Dipartiment spjega li l-istejjem hargu wara li saru "spot inspections" fil-post tan-negozju tal-appellant fejn instabu kazi ta' nuqqas ta' hrug tal-ircevuta fiskali; rizultat ta' dan l-appellant hallas il-"compromise fine". Wara dan, id-Dipartiment ghamel investigazzjoni ("risk analysis") li kienet mifruxa fuq 6 xhur u hareg ir-rapport relattiv fejn irrakkomanda li johorgu l-istejjem li qed jigu appellati; kopja ta' dan ir-rapport intbaghtet lill-appellant fl-14 ta' Ottubru 2010. Jidher li wara li sar "audit trail" li kien jinkludi stharrig mas-"suppliers" tan-negozju, id-Dipartiment kien ikkonkluda li kien hemm "under declaration" serja ta' xiri. Irrizulta wkoll li l-appellant ma kienx ipprezenta r-"records" tal-profitt u d-Dipartiment kellu jasal ghall-kalkoli tieghu, fosthom "allowance" ta' 10% "wastage" fuq l-ikel u 10% "stock build-up" fuq l-ikel u xorb.*

*L-appellant irribatta dan billi rrefera ghan-nota mibghuta mal-Appell li parti minnha tghid hekk:-*

*"Issa nigi ghar-raguni li nixtieq li l-Bord jikkonsidra li dawn l-istimi jigu riveduti. Meta kont nitkellem mas-Sur Roderick Vella, il-VAT inspector li ezaminali l-kotba tal-bejgh u x-xiri, qalli li kien hemm diversi invoices tax-xorb li ma kienux imdahhlin fil-purchases records. Ghalkemm jista' jkun li xi invoices ma dahhalthomx ghax inkun tlifthom sforz it-traskuragni, zgur li l-valur taghhom m'huwiex daqshekk gholi li jiggustifika li l-istimi johorgu daqshekk gholjin. Barra minn hekk jekk id-Dipartiment ibbaza l-istimi*

*tieghu fuq il-valur ta' dawn l-invoices allura messu naqqas l-Input Tax li jiena hallast meta xtrajt ix-xorb. Dan huwa evidenti li ma sarx ghax fuq l-istimi m'hemmx imnaqqsa l-Input tax f'kaxxa numru 34.*

*Raguni ohra li ghaliha nixtieq li dawn l-istimi jigu riveduti, hija li kemm jien, il-mara, it-tfal u xi nies li jigu jghinuni kazwalment fir-restaurant dawn kollha jieklu u jixorbu minn hemmhekk. Tista' timmagina fis-sajf ahna lkoll kemm nikkonsmaw ilma minerali, soft drinks, gelati u anke inbid u birra. Biss biss jiena u l-mara niehdu flixkun inbid bejnietna kuljum, minbarra l-birra u l-gelati. Dan juri li ghalkemm nixtri dak l-istock kollu ta' xorb u ikel, pero` percentwali minnu jmur ghall-konsum personali taghna fir-restaurant u anke d-dar ghax ghandek tkun taf li l-ikel u x-xorb li nikkonsmaw id-dar niehduh minn dak l-istock li nixtru ghar-restaurant.*

*Punt iehor li xtaqt insemmi u li nhoss li hija raguni relevanti u gusta biex jigu riveduti dawn l-istimi huwa l-fatt li l-mark ups li uzajt jien fil-kalkolu tal-bejgh huwa 160% fuq ix-xorb u 100% fuq l-ikel. Dawn huma mark ups generuzi hafna ghax trid tqis li 25 fil-mija tal-bejgh huwa take-away specjalment fil-granet tas-sajf li huwa z-zmien li fih l-aktar li naghmlu kummerc."*

*L-appellant qal ukoll illi huwa ma kienx attenda ghar-review tal-istejjem provizorji ghar-raguni li l-ittra tad-Dipartiment kienet marret ghand missieru. Huwa talab lill-Bord jekk dan ir-review jistax isir issa. F'dan l-istadju, il-Bord talab llil-appellant jaghmel sottomissjoni dettaljata specifikament fir-rigward tar-rapport investigattiv tad-Dipartiment u aggorna s-seduta.*

*It-tieni seduta saret fit-3 ta' Frar 2011 fejn deher l-appellant innifsu s-Sur* A*, assistit mis-Sur Paul Bezzina, Konsulent. Ghad-Dipartiment tal-VAT deher is-Sur Anthony Cutajar, Principal.*

*Sadanittant kienet saret sottomissjoni mill-appellant fis-6 ta' Jannar 2011 li tghid hekk :-*

*"1. A jiddikjara li l-ewwelnett, l-istimi provizorji huma eccessivi zzejjed. Wiehed irid iqis li l-hanut kull ma hu snack bar tat-tielet kategorija, il-kelma "restaurant" hija misnomer ghaliex l-MTA insistew li l-kelma "restaurant" ghandha tigi mnehhija u flokha jigi snack bar. Fil-fatt, il-menu li ghandu, li d-Diparatiment ha kopja tieghu, hu limitat hafna u l-prezzijiet huma ragjonevoli hafna meta jitqabblu ma' postijiet ohra. Wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni li n-negozju hu stagjonali u jinhadem biss fl-istagun tas-sajf.*

*2. Haga ohra important, li sia l-Maltin u t-turisti jhobbu jieqfu l-ewwel art jigifieri l-Ghadira u ahna niehdu dak li jibqa' jew ghax ikun ihobb il-post. Ghalhekk il-prezzijiet iridu jkunu baxxi izjed minn postijiet ohra. Apparti kollox hemm numru ta' snack bars ohra qrib u wiehed ma jistax jiehu dawk il-percentaggi li ha d-Dipartiment.*

*3. Jidher bic-car li meta hargu dawn l-istimi l-Input Tax ma gietx ikkunsidrata. Wiehed irid jghid li din hija procedura normali. Huwa fatt li meta saru zewg serqiet, certi karti gew sparpaljati ma' kullimkien. Din hija r-raguni li certu xiri li kienu sia ezentati u sia bit-taxxa setghu ma gewx inkluzi.*

*4. "Ir-Risk Analysis" maghmul mid-Dipartiment jidher li fejn dahal il-kwistjoni tal-bejgh dawn gew progettati fil-minuta 46 li kopja taghhom ma gietx spjegata. Li ma jistax wiehed jifhem hu kif ma ttiehdux mark ups li huma dicenti ghaliex jekk dak li ddikjara t-taxpayer huma skorretti allura sia l-mark ups tad-Dipartiment u sia mark ups ohra ma kienux korretti u dan ghaliex ma jaghmilx sens.*

*5. Jidher li l-profit and loss accounts u r-returns tal-income tax ma gewx sottomessi. Tant hu hekk, li d-Dipartiment ghamel il-kalkoli tieghu fil-minuti numru 45 u 46 u hareg bil-konkluzjoni li hu difficli li tifhimhom. Ir-rapprezentant tat-taxpayer umilment jitlob li dawn iz-zewg statements jigu pprezentati biex jigi sostnut dak li qed jghid id-Dipartiment.*

*6. Il-hela fil-prodotti tal-10% hela fuq l-ikel ma jaghmilx sens meta l-qtugh tad-dawl tal-parti ta' fuq ta' Malta fis-sjuf imsemmija kienu kostanti u biex l-ikel ma jigix kontaminat kellu jigi mormi l-ghada filghodu tal-qtugh tad-dawl. L-ikel meta jigi difrostat ma jistax jerga' jigi ffrizat ghax jista' jkun infettat bis-salmonella. Dan hu riskju kbir. Problemi fuq l-ikel qatt ma gie rrappurtat u l-ebda investigazjoni min-naha tas-sanita` ma kien irrappurtat.*

*7. L-Audit Trail. Fuq il-minuti numru 35 sa 44 u minuta numru 46 fuq li t-taxpayer kien qed jiddikjara inqas ix-xiri tieghu nixtieq nitlob biex dawn il-figuri, jekk jista' jkun, jigu guramentati mill-agenti rispettivi.*

*8. Finalment qed jintalab biex jigi spjegat kif il-figuri tad-Dipartiment gew mahduma u b'hekk il-Bord jista' jasal ghal konkluzjoni tieghu. Kontro ezami hu risevat."*

*Id-Dipartiment irribatta dan hekk fis-sottomissjoni tieghu tat-28 ta' Jannar 2011.*

*"1. IIIi l-prezzijiet tal-ikel u x-xorb ittiehdu minn fuq il-menu tal-istabbiliment li dwaru l-ispettorat ghamel l-istharrig tieghu. Allura l-mark ups li rrizultaw huma reali. Dan l-ezercizzju kien utli peress li l-Profit & Loss Account ma gewxypprezentati meta kienu mitluba.*

*2. IIIi jrid jinghad ukoll li l-persuna registrata qed taghmel dikjarazzjoni ta' xiri u bejgh ghal kull perjodu ta' taxxa matul is-sena kollha. Ghalhekk, fejn qed jinghad li n-negozju huwa stagjonali u jiftah biss fl-istagun tas-sajf, jidher li mhux minnu.*

*3. Illi mill-istharrig li sar fuq il-fornituri li kienu jissuplixxu lil dan in-negozju, instab li kien hemm ix-xiri mhux iddikjarat fuq il-perjodi kollha taht appell. Allura jekk il-persuna registrata qatt ma tat informazjzoni ta' dan ix-xiri, jew talbet korrezzjoni taghhom lid-Dipartiment, dan l-Input VAT fuq xiri taxxabbli ma jistax jigi kkunsidrat fl-istejjem."*

*Meta l-Bord talab liz-zewg partijiet ghandhomx xi jzidu ma' dak li nkiteb fis-sottomissjonijiet, l-appellant elenka dawn il-punti :-*

*1. Li d-Dipartiment kien qed jimxi fuq il-menus ricenti u mhux fuq dawk taz-zmien l-istejjem kif suppost.*

*2. Li n-negozju huwa registrat bhala "3rd class snack bar" bi stagun ta' bejn Gunju u Settembru biss.*

*3. Li fir-rigward tax-xiri li jsir fix-xitwa meta n-negozju jkun baxx hafna, dan isir biss ghaliex il-prezzijiet ikunu aktar kompetittivi mis-sajf.*

*4. Li ghandu jingieb jixhed supplier ewlieni tal-appellant biex jikkonferma l-ammonti li jidhru f' certi fatturi.*

*Id-Dipartiment elenka dawn il-punti:-*

*1. Li l-mark up uzata kienet mahduma fuq li kien iddikjarat mill-apellant fid-denunzji u li d-Dipartiment ma jistax jaccetta "average net profit ta' €31 fix-xahar biss meta l-konkluzjoni taghhom ta' €2,372 fix-xahar kienet aktar kredibbli aktar u aktar meta wiehed iqis li bhalissa l-appellant qed ihallas kera fuq l-post tan-negozju ta' €29,127 fis-sena.*

*2. Li l-argument tal-appellant li parti mix-xiri jigi kkunsmat mill-membri tal-familja tal-appellant ma jregix ghaliex din il-parti suppost li tigi dikjarata "at cost".*

*3. Li d-Dipartiment kien wasal ghall-"undeclared sales" wara li kkalkula l-"undeclared purchases" permezz tal-informazzjoni li gabar minn 5 suppliers tal-appellant u li gietipprezentata waqt is-seduta.*

*Il-Bord wara li qara u sema' dak kollu li nkiteb u ntqal miz-zewg partijiet, wasal ghal dawn il-konkluzjonijiet :-*

*1. Li l-iskuza tal-appellant fir-rigward tan-nuqqas li jattendi ghar-"review" mhix accettabbli peress li l-avviz tad-Dipartiment kien intbaghat lill-appellant regolarment u*

*li barra minn hekk in-nuqqas tieghu kien tellfu minn okkazjoni unika u mportant sabiex jiddiskuti l-istejjem u l-kalkoli tad-Dipartiment hekk kif saru. Din il-laqgha ma tistax issir issa, aktar minn sena wara l-hrug tal-istejjem u l-Bord ma jaccettax li jigu pprezentati xi "records" f' dan l-istadju.*

*2. Li fin-nuqqas ta' xi "records" important e.g. il-Profit & Loss, id-Dipartiment ma kellux triq ohra hlief li jasal ghall-kalkoli tieghu minn fuq informazzjoni ohra e.g. ir-records tax-xiri.*

*3. Li n-negozju tal-appellant huwa bbazat fuq is-sajf u li dan jiggustifika l-kera pjuttost gholja ta' €29,157 fis-sena izda l-Bord jaccetta li xi xiri fix-xitwa kien intiz li jigi kkonvertit f' bejgh fis-sajf u ghalhekk xi kalkoli ta' bejgh tax-xitwa kienu xi ftit gholja.*

*4. Li l-Bord jidhirlu li m'ghandux bzonn ix-xhieda tal-ebda "supplier" sabiex jasal ghad-decizjoni tieghu.*

*Fic-cirkostanzi, il-Bord jidhirlu li l-istejjem ghandhom jitnaqqsu b' 10% sabiex jirrifletti n-nuqqas ta' bejgh fix-xitwa."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' A datat 23 ta' Marzu 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 25 ta' April 2011 a fol 7 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-18 ta’ Ottubru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Carmelo Grima ghall-Kummissarju intimat u Dr. Martin Fenech ghall-appellant li ta ruhu b’ notifikat bl-avviz tas-smigh ghall-appellant. Dr. Fenech talab li jizdied il-kiem “sede inferjuri” taht in-nomenklatura tal-Qrati. Dr. Grima rrimetta ruhu. Il-Qorti laqghet it-talba. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-atti. L-appell gie differit ghas-sentenza indifett ta’ ostakolu ghad-29 ta’ Marzu 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tal-Bord tal-Appell Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fl-ismijiet premessi datata 17 ta’ Frar 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li (a) l-Bord ma ezaminax id-dokumenti mressqa quddiemu sew, b’dan ibbaza ruhu fuq l-*audit trail* minghajr ma ressaq is-*suppliers* u allura dan ma setax isir kontro-ezami taghhom u b’hekk l-istess Bord ma mexxiex mar-regoli tal-Procedura tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili; (b) ma ttiehditx xhieda bil-miktub u dan ma sarx bil-gurament.

Illi din il-Qorti thoss li effettivament l-appell odjern ma jistax jigi milqugh u dan peress li jirrizulta mill-process relattiv li l-istess Bord ha in konsiderazzjoni l-aggravji kollha tal-appellant quddiemu kif indikati fl-ittra tieghu datata 10 ta’ Jannar 2010 fejn jidher li l-istess appellanti jammetti li kien hemm xi *invoices* tax-xorb li ma kienux imdahhlin fil-*purchases records* tieghu. Jirrizulta wkoll li l-Bord mexa fuq Risk Anaylsis li bbaza ruhhu fuq *invoices* li l-istess appellant provda ghall perjodu bejn l-1 ta’ Gunju 2007 u l-31 ta’ Awwissu 2008, liema *invoices* ovvjament la prodotti minnu ma gewx kontestati; jirrizulta wkoll li l-appellant ma kienx johrog ricevuti fiskali, u dan ukoll ma huwiex kontestat, u ghalhekk certament li f’dan il-kuntest id-Dipariment u l-Bord kellu jimxi fuq *projections* abbazi

tad-dokumenti suppliti lilu, tenut kont ukoll tan-nuqqas da parte tal-appellant li jipprovdi P & L Account. Jidher li l-istess Audit Trail gie bbazat fuq dak li gie indikat bhala *transaction history* minn 5 *suppliers* li identifika l-appellant stess u minn fejn irrizulta allegatament li l-appellant ma kienx qed jiddikjara kollox.

Illik jirrizulta li fl-avviz li l-appellant jircievi biex jidher quddiem il-Bord huwa jintalab li jgib mieghu d-dokumenti kollha relatati mal-kaz; jidher li fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2010 l-appellant gie mistieden sabiex jara r-rapport prezentat mid-Dipartiment u jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub dwar l-istess u jaghmel talba sabiex jiltaqa' mal-Bord bil-miktub u wara talba ghall-estensjoni jidher li saru sottomissjonijiet minn Paul Bezzina ghan-nom tal-istess appellant u fejn *inter alia* talab li jara l-figuri tas-*suppliers* u jidher li dan sar bid-dokumenti annessa mar-risposta tal-appellat odjern quddiem il-Bord datata 28 ta' Jannar 2011(fol. 35 *et sequitur* tal-process) u jidher li l-imsemmi Paul Bezzina ghall-appellat, li allura kien ezamina l-istess *statements*, irrefera biss ghall-i*statements* ta' J & C Pisani, u jidher li fuq dak biss issema` ilment, u dan dejjem fl-isfond li Profit & Loss Account l-appellant kien sa dak in-nhar ma pprovdihx. Id-Dipartiment b'risposta ghal dan indika li kien hemm "under declaration" fuq il-hames *suppliers* kollha, u l-Bord irriserva li kellu jiddeciedi fuq dan il-punt.

Illi eventwalment il-Bord iddecieda kontra s-smigh tal-istess *supplier* ghaliex tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kien hemm diversi nuqqasjiet da parte tal-istess appellant, inkluz li ma kienx hemm ilment fuq is-*suppliers* l-ohra, u xorta wahda kien hemm oggetti mixtrija li ma kienux dikjarati mill-appellat u allura tali decizjoni trid tittiehed ukoll f'dan l-isfond tenut kont tar-risultanzi quddiem l-istess Bord u din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi u fil-fattispecie tal-kaz odjern, u in vista tal-fatt li l-Bord kellu u ghandu d-dritt li jagixxi skond ir-regoli tieghu, il-Bord mexa skond id-dettami bazici ta' smigh xieraq u sabiex jaghmel dan ma kienx hemm bzonn li jigu segwiti r-regoli tal-Kap. 12 u allura l-procedura adoperata minnu kienet skond il-ligi, ha kaz tal-ilmenti kollha li ngabu

quddiemu mill-istess appellanti, tratta u kkonsidra l-istess u ta r-ragunijiet tieghu ghaliex wasal ghad-decizjoni tieghu b'decizjoni motivata skond il-ligi, u allura fid-dawl ta' dan din il-Qorti thoss li l-appell odjern ma jistax jigi milqugh u ghalhekk qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellat il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 25 ta' April 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti A fir-rikors tal-appell tieghu datat 23 ta' Marzu 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijet hawn decizi b'dan li din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fl-ismijiet "A vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" datata 17 ta' Frar 2011 (Appell Numru 6/10) ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellant A.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------